

# Ħal Tarxien fi żmien l-Assedju l-Kbir

minn Joseph A. Farrugia

L-Assedju l-Kbir ta' Malta hu wieħed mill-ikbar ġrajjiet ta' pajjiżna. Dak iż-żmien Ħal Tarxien kien għadu ma sarx parroċċa u kien jagħmel parti mill-parroċċa/matriċi ta' Bir Miftuħ. Barra minn hekk Ħal Tarxien kien jissejjaħ ukoll bħala r-Raħal ta' San Ġwann mill-kittieba kollha ta' dak iż-żmien (Bosio, Francisco Balbi di Correggio).

It-tifqiegħa ta' kanun li nstemgħet fil-għodwa tal-Ġimgħa 18 ta' Mejju 1565, minn fuq il-Kastell ta' Sant'Anglu kienet sinjal li l-armata Torka kienet dehret fuq ix-xefaq u biex kulħadd jinġabar wara s-swar tal-Isla, il-Birgu u l-Imdina. L-attakk Tork kien ilu mistenni, iżda l-kavallieri ma stennewhx qabel l-aħħar ta' Ġunju.

L-irġiel ta' Ħal Tarxien (dawk li kienu bejn is-16 u 65 sena) wara li ħadu lill-familja u l-bhejjem (li setgħu jġorru) u l-frott tal-għelieqi tagħhom għal ġewwa s-swar tal-Isla u tal-Birgu marru biex jingħaqdu mal-Kumpanija tad-Dejma ta' Bir Miftuħ. Din kienet magħmula minn 560 ruħ taħt il-Kaptan Fran Anton Gillars. Wieħed jista' jikkalkula li kien hemm 20 minnhom minn Ħal Tarxien. Fid-19 ta' Mejju din il-Kumpanija ġiet ordnata biex tieħu postha fuq is-swar tal-Imdina.

Fl-20 ta' Mejju l-Marixxal Couppier ħareġ b'1,200 suldat tal-Infanterija mill-Birgu u l-Kaptan D'Eguaras niżel mill-Imdina bil-kavallerija lejn iż-Żejtun fejn kien hemm it-Torok wara li kienu daħlu u niżlu f'Marsaxlokk jumejn qabel. It-Torok ġrew wara l-Maltin li meta waslu fil-Witja ta' San Anard, fix-xaqliba tal-grigal ta' Ħal Tarxien fejn illum jispiċċaw il-limiti parrokkjali ta' Ħal Tarxien u l-Fgura, saret taqtiegħa kbira u t-Torok tilfu ħafna nies. Il-Maltin rtiraw wara s-swar għax ħasbu li kienet ġejja xi nasba minn naħa tat-Torok.

It-Torok ħadu f'idejhom lil Ħal Tarxien, parti mill-Marsa, San Ġwann t'Għuxa u l-Għolja ta' Kordin. Huma okkupaw id-djar kollha speċjalment id-dar tal-Isqof Abela li nbniet fil-1562. Mustafa Baxaċ ordna li Ħal Tarxien isir is-suq u l-maħżen tat-Torok u għalhekk sar bażaar kbir. Ir-raħal ta' Ħal Tarxien imqiegħed kif inhu jista' jintlaħaq kemm minn Marsaxlokk (fejn kien hemm il-flotta tat-Torok) u kemm mill-Marsa (fejn kien hemm il-ħażna tal-ilma).

Fuq Kordin (li wara l-1592 sar jagħmel parti minn Ħal Tarxien), it-Torok bnew tliet batteriji b'erbatax-il kanun. Dawn it-tliet batteriji kienu l-iktar li sparaw balal fuq l-Isla u fuq il-Forti San Mikiel. It-Torok mill-ewwel indunaw bis-sit strateġiku ta' Kordin u għalhekk użawh kemm setgħu.

Wara l-waqgħa ta' Sant'Iermu, fit-23 ta' Ġunju 1565, il-Kumpanija ta' Bir Miftuħ, li l-irġiel ta' Ħal Tarxien kienu parti minnha, ħarġet mill-Imdina u rnexxielha tidħol il-Birgu fejn ħadet postha fuq is-swar tal-Isla. Huma kienu jgħassu l-pont ta' bejn il-Birgu u l-Isla li kien quddiem il-Knisja ta' Sant'Andrija fil-Birgu.

Fis-7 t'Awissu, 1565 it-Torok għamlu attakk kbir fuq l-art u bil-baħar fuq l-Isla u l-Birgu. Tant kien attakk kbir li l-Maltin għal xi ħin kienu qed jitilfu, iżda f'daqqa waħda t-Torok reġgħu lura u daħna kbira telgħet mill-kamp tal-Marsa. Kemm il-Maltin u kif ukoll it-Torok ħasbu li kienet waslet l-għajnuna mwiegħda minn Sqallija. X'kien ġara sewwa? Il-kavallerija tal-Maltin

tad-Dejma (200 kollox- wieħed jaħseb li 6 minnhom kienu minn Ħal Tarxien) kienet ħarġet mill-Imdina u waslet sal-Marsa għax ma sabetx oppożizzjoni minn ħadd. Il-Maltin ħarqu kollox u qatlu lit-Torok li sabu quddiemhom morda, feruti jew li kienu għassa. Imbagħad wara reġgħu lura lejn l-Imdina u ħallew warajhom ħerba kbira fost it-Torok.

Is-suldati Tarxiniżi tqabdu bħall-Maltin l-oħra, l-iktar fuq is-swar tal-Isla. Iġġieldu wkoll in-nisa u t-tfal. Fost ulied Ħal Tarxien (skond l-Kav. R. Bonnici Cali) jissemma Eligio Cassar, li l-Gran Mastru La Valette kien fdalu f'idejh il-ħażniet tal-ikel u ż-żamma tal-indafa fost in-nies tal-ibliet tal-Birgu u tal-Isla. Kemm mietu minn niesna ma nafux, u lanqas ma nafu kemm baqgħu jgħixu fil-Birgu u fl-Isla wara li spiċċa dak l-Assedju. Dawk il-ħafna Tarxiniżi li kellhom ħafna ħsara fl-għelieqi tagħhom x'aktarx baqgħu fl-Isla li kienet l-iktar vojta u mimlija ġonna. Kważi t-Tarxiniżi kollha ma setgħux iħallsu d-dejn li kellhom fuq l-għelieqi jew id-djar tagħhom. Sa sentejn wara, ħafna għelieqi kienu għadhom mitluqa u kellhom jgħaddu ħafna snin qabel ma r-raba beda jagħti wċuħ daqskemm kien jagħti qabel l-Assedju. Is-suldati tas-Sokkors li kienu waslu fis-7 ta' Settembru 1565 bgħatu ħafna minnhom joqogħdu fid-djar vojta li kienu għadhom wieqfa f'Ħal Tarxien. In-nies ta' Ħal Tarxien, li kien baqa' minnhom (wara Assedju bħal dak), kellhom jitqannew b'dawk is-suldati Spanjoli/Sqallin sakemm marru lura lejn pajjiżhom xi għaxar xhur wara.

Għal aktar tagħrif dwar il-ħerba li kien hawn f'Malta wara l-Assedju l-Kbir (1565) wieħed għandu jaqra l-ktieb "Ħal Luqa" ta' G. Micallef (Malta 1975)

F'ħafna mill-mapep ta' Malta li juru l-Assedju l-Kbir, 1565, Ħal Tarxien hu muri bħala Tarcel, Jarxen, Tarsen, Artalcel, Caltaxel. (ara l-kotba Volume I u Volume II "A Study in depth of 143 Maps representing the Great Siege of Malta, 1565, ta' Alb. Ganado u M.Agius Vadala', 1995)

Fil-ktieb "Histories of Malta, Versions and Diversions Vol III" ta' Giov. Bonello (2002) hemm artiklu "An overlooked Eyewitness's Account of the Great Siege" li jitratta fuq Fra Vicenz Anastasi li kien Malta matul l-Assedju l-Kbir u kien ippustjat fl-Imdina. F'dan l-artiklu juri l-avventuri ta' dan il-Kavallier li kien ġieli jinżel b'xi membri tal-Kavallerija mill-Imdina u jasal sa Ħal Tarxien biex jitkixxef fuq it-Torok għax minn Ħal Tarxien seta' jara l-kamp tal-Marsa u l-batterija ta' Kordin.


Għal aktar tagħrif fuq l-Assedju l-Kbir ara fost ħafna oħrajn :

"Żmien il-Kavallieri f'Malta, 1530-1798" ta' Jos. F. Grima pp 41- 52, Kullana Kulturali #32, - 2001

"Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid (Pawla)" ta' E. B. Vella, pp 106 sa 127, - 1932

"Is-Swar u l-Fortifikazzjonijiet" ta' Vincent Zammit, Kullana Kulturali #9, pp 52 sa 65, 85 sa 134. 1999

"The Great Siege of Malta", ta' W. H. Prescott - 1992

Programm tal-Festa Santa Liena 2004 - Każin Santa Liena pp 195 sa 201

Wirja Audioviżiva dwar l-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, oħra fil-Birgu u oħra fl-Imdina

"The Siege of Malta" ta' Francesco Balbi di Correggio' - maqlub għall-Ingliż minn Ernle Bradford -1965

"The Siege of Malta" ta' Francesco Balbi di Correggio' maqlub għall-Ingliż minn Henry Alexander Balbi, f'Copenhagen, 1961

"Siege Maps of Malta" by Dr Alb. Ganado - Malta 1985

"The Siege Rediscovered" by Donald E. Sultana 1977 pp 123 sa 193

"The 1565 Great Siege of Malta" and "Hipolite Sans la Maltea" - Arnold Cassola -1999

"History of the Knights of Malta" ta' De Vertot vol II Bk XIII p31

"L-Ewwel Assedju 1565" ta' Victor Pulis - 1999

"The World's Greatest Siege" ta' Ch. Connell pp75 sa 84 - 1967

"Sieges" ta' Eversby Belfield, pp 9 sa 29 , London 1967

"The Great Siege of Malta (!565) and the Istanbul State Archives" ta' Arnold Cassola, 1995

"The Great Siege , Malta 1565", ta Ernle Bradford, 1961

"Ġrajjiet l-Assedju l-Kbir" ta' K. Bonavia, Malta 1965

"Li Storja ta' Malta u Għaudex" ta' G. Faure (1912) Vol. III pp 300 sa 542

Fuljett Parrokkjali "Tarxien" Harġa Settembru - Ottubru 1978, Għadd # 20, kitba ta' R. Bonnici Calì.




**Matteo Perez D'Aleccio – L-Assedju ta' Sant Iermu, 27 ta' Mejju 1565. Wieħed mill-affreski li juru l-Assedju l-Kbir. Sala tal-Gran Kunsill, il-Palazz, Valletta.**